ni bil-presenza taghkom; din l-imġiba taghkom hi ta' soddisfazzjon kbir ghalija u jien ma ninsieha qatt. Ghalhekk nispiċċa dawn il-kelmtejn tieghi billi niżżiħajr lil kulħadd u billi naf li hawn il-ħafna fostna li qeghdin jaħdmu sħiħ ghall-ġieh ta' Malta u ta' l-Ilsien Malti, nixtiqilhom kull suċċess u nawguralhom li ma jdumux ma jmissuhom huma wkoll dan il-ġieh tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi".

## O TEMPORA! O MORES!

*Ta'* Wallace Gulia

Rajtkom ferħana, lewn in-nar ħaddejkom,
Id f'id ghaddejja;
Kien wara nżul ix-xemx, u jien sthajjiltkom
Ġarrabtu l-gheja

Ta' ramliet imbieghda, ta' blat u bajja,
U xofftejkom rajt
Qeghdin iduqu l-qroll li taghti l-ħajja:
Weghditkom smajt!

U ghirt ghas-saħħa ta' mħabbitkom sħiħa
Bla ħjiel ta' frugħa;
U ghirt ġo qalbi ghat-tamiet sabiħa
Ta' qlub żagħżugħa!

Ghaddejtu l-lum quddiem xulxin bla sliem,
Bla ferħ, bla ħeġġa:
Haristu 'l hinn, f'fommkom mitbuq il-kliem,
U l-qlub imweġġgħa...

## FRAK

*Ta'* A. Cremona

**FRAŻIJIET U QWIEL FEJN TIDHOL IL-KELMA "LSIEN"**

Ilsienu twil; Ilsienu jikkmandah; Ilsienu jaqta'; Ilsien bla ghadam, iżda jfarrak l-ghadam; Ilsien herrież, isħqu ġol-mehrież; Ilsien il-bniedem jittiekel bil-ghasel; Ilsna tan-nar; Ilsien ta' qanpiena; Ilsien ta' moħriet; Ilsien ta' art; Ilsien il-kelb (ħaxixa, *Cynoglossum officinale*); Ilsien il-fart, (ħaxixa, *Echium vulgare*); Ilsien il-ghasfur (ħaxixa, *Silene sericea et nocturna*); Ilsien il-ghasfur (pastina); Ilsien ta' San Pawl (fossili); Ilsien tal-laħam imma jxoqq il-ghadam; Ilsienu ma jdurx; Wisq drabi lsienek ghandek iżżommu bejn snienek; Ilsienu jieklu; Ilsienu ħażin; M'ghandux ħajta f'ilsienu; Ilsien ta' tellerita.

# NAF B'KOLLOX!

**KUMMIEDJA B'ATT WIEHED**

ta'

**IVO MUSCAT-AZZOPARDI**